## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 58/2014

**Il-Pulizja**

**(Spettur Joseph Merciecea)**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Elaine Muscat**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellanta Elaine Muscat detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 204981M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-24 ta' Dicembru, 2011, ghall-habta tad-9p.m., gewwa Rahal Gdid , flimkien ma persuna ohra:

1. Ikkommettiet serq ta' flus u/jew xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u

disa' w ghoxrin Euro u seba' w tletin centezmu (€2329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Carmel Camilleri u/jew ta' persuna/i ohra;

2. Bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestat, zammet jew issekwestrat lil Carmel Camilleri kontra l-volonta' tieghu;

Fit-12 ta' Marzu, 2012, ghall-habta tal-11pm., gewwa il- Marsa, flimkien ma persuna ohra:

3. Ikkommettiet serq ta' flus, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, u li sar ghad-detriment ta' persuna li s' issa ghadha mhux maghrufa;

Talli fl-24 ta' Dicembru 2011, u/jew qabel kif ukoll wara din id-data, f' Rahal Gdid u fi bnadi ohra f' dawn il-Gzejjer:

4. Fi triq jew f' post pubbliku jew f' post espost ghall-pubbliku, tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal-skop ta' Prostituzzjoni jew ghall-skopijiet ohra immorali;

5. Meta l-indirizz fuq il-karta ta' l-identita' ta' l-imputata ma baqax iktar validu jew, xort' ohra, ma baqax iktar korrett, minghajr dewmien, hija naqset milli tirraporta l-fatt lill-ufficjal awtorizzat u naqset milli tikkonsenja l-istess karta ta' l-identita' mhux korretta lil, u li taghti dak it-taghrif kollu li jkun mehtieg minn, dak l-ufficjal;

6. Kisret il-provvediment ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta impost fuqha permezz ta' sentenza definittiva datata 16 ta' Dicembru 2010, moghtija mill- Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D., fejn l-istess Elaine Muscat kienet misjuba hatja ta' sensiela ta' serqiet u

kienet giet liberata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett snin;

7. Irrendiet ruhha recidiva ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstabet hatja b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-7 ta' Frar, 2014, li biha wara li rat l-Artikoli 17, 49, 50, 86, 87(1)(e), 261, 262(1)(a)(b), 267, 270, 271(g), 275, 276, 277(a), 279(a), 280(2), 284, 285 u 289 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 7(2) u 11 tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 14(1) tal-Kap. 258 u l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti sabet lill-appellanta hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha w ikkundannatha ghal tlett(3) snin u sitt (6)xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Elaine Muscat, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu talbet lil din l-Onorabbli Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata, billi **tirrevokaha** dwar is-serq ghad-dannu ta' persuna mhux maghrufa, **tikkonfermaha** ghall-kumplament, u fi kwalunkwe kaz **tibdilha** dwar il-piena billi taghti piena li aktar taghmel ghall-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur tal-appellanta kif ukoll lill-abbli Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. L-ewwel aggravju tal-appellanta jirrigwarda s-sejbien ta' htija dwar it-tielet imputazzjoni, igifieri ta' serq ta' flus, ikkwalifikat bil-hin, ghad-detriment ta' persuna mhux mgharufa, bl-argument illi c-cirkostanzi kienu juru li l-persuna mhux mgharufa kienet konsapevoli u konsenzjenti li jaghti lill-appellanta ammont ta' flus aktar minn dak miftiehem. Tajjeb li jinghad qabel xejn illi l-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova dwar it-tielet imputazzjoni, dik in dizamina, hlief stqarrija tal-appellanta u ghalhekk ftit, jekk xejn, tista' din il-Qorti tara x'kienet il-motivazzjoni tal-ewwel Qorti li ssib htija dwarha. Tajjeb li jinghad ukoll illi l-Avukat Generali jaqbel mal-appellanta illi l-fatti in speci jipotizzaw r-reat ta' estorsjoni u mhux dak ta' serq. Dan l-ewwel aggravju ghalhekk ser ikun akkolt;

2. It-tieni aggravju jirrigwarda r-raba' imputazzjoni, igifieri dik ta' tlajjar ghal-skopijiet ta' prostituzzjoni bil-gravami li "*mara li tmur ghas-sess bi promessa ta' flus, gojjelli, zwieg futur, ghall-pjacir taghha, ghall-holiday imhallsa, ma tkun qed tikkommetti l-ebda reat taht il-ligi tal-prostituzzjoni...*" Minkejja dan l-aggravju, l-appellanta ma talbet ebda revoka tas-sentenza appellata in rigward u talbet biss ir-revoka tas-sentenza fejn din sabet htija ta' serq ghad-dannu ta' persuna mhux mgharufa. Ghalhekk dan l-aggravju ma jistghax ikun konsiderat oltre u qed ikun michud;

3. Fit-tielet aggravju taghha, l-appellanta tillanja bil-mod segwenti: "*Dwar ir-recidiva. Ir-recidiva kwotata mill-prosekuzzjoni u accettata mill-Qorti m'hix kompletament korretta. Hija **fakoltattiva u mhux tassattiva***". Meta jirrizulta l-addebitu tar-recidiva skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, kif irrizulta lill-ewwel Qorti, il-piena tista' u mhux ghandha, kif korrettament rrelevat l-appellanta, tizdied bi grad. Dik iz-zieda ghalhekk hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti meta teroga l-piena. L-ewwel Qorti ezercitat din id-diskrezzjoni meta ghamlet kunsiderazzjonijiet dwar il-piena, il-fedina penali tal-appellanta u li wara li ma gharfitx tabbraccja l-opportunitajiet li nghatawlha, kienet

ser timponi piena karcerarja. L-intenzjoni tal-ewwel Qorti li zzid il-piena bi grad hija manifesta meta ddikjarat li rat *inter alia* l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali meta giet biex tikkomina l-piena u ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

4. L-appellanta tillanja ukoll il-piena erogata mill-ewwel Qorti u dan fuq zewg gravami. Fl-ewwel argument, l-appellanta tghid illi l-ewwel Qorti ma applikatx l-artikolu 18 li bih setghet tibbenefika bhala reat kontinwat meta nstabet htija fuq l-ewwel zewg imputazzjonijiet u fit-tielet wahda mertu tal-ewwel aggravju. Fit-tieni argument, l-appellanta tghid illi l-ewwel Qorti ma tat ebda konsiderazzjoni ghall-passat sfortunat taghha u kif dan qed ikollu effett fuq l-azzjonijiet taghha fil-prezent.;

5. Kwantu l-applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti ma tarax li ghandha taghmel xi konsiderazzjonijiet la darba l-ewwel aggravju huwa milqugh bil-konsegwenza li dan ghandu iwassal ghal temperament fil-piena. Kwantu t-tieni argument, din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti kollha inkluz ix-xhieda tal-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri u tal-Ufficcjal tal-Probation kif del resto ghamlet l-ewwel Qorti. Jidher illi l-appellanta ghandha problema meta tkun fil-kumpanija tas-sieheb taghha ghaliex ma tkun xejn ricettiva ghall-pariri u ordnijiet tal-ufficcjali tal-probation u hija suxxettibbli ghall-dak li jghidilha l-istess sieheb. Din il-Qorti ma tara xejn censurabbli bil-mod kif trattat mal-appellanta u ma tarax ghaliex ghandha tirrimpjazza d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti. Il-varjazzjoni fil-piena, konsegwenza tal-akkoljiment tal-ewwel aggravju, kif ser jinghad, mghandux jirrifletti xi nuqqas da parti tal-ewwel Qorti;

6. Ghal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti sabet htija fit-tielet imputazzjoni u konsegwentement tilliberaha minn kull htija u piena dwarha; tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet htija fl-appellanta fl-imputazzjonijiet l-ohra u fl-addebitu ta' recidiva; tvarjaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellanta ghal-terminu ta' prigunerija ta' tlett

(3) snin u sitt (6) xhur u minflok tikkundannaha ghal-terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2) u sitt (6) xhur.